6 ta' Novembru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Grech et. *versus* Richard Grech

**Liċenza — Servitù — Passaġġ — Tolleranza — Art. 492 u 506 tal-Kap. 23.**

*Il-liċenzi huma "extra commercium".*

*Bejn fondi ta' proprjetarju komuni ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' servitù.*

*Is-servitù ta' passaġġ, bħala servitù diskontinwa, teħtieġ il-kostituzzjoni b'titolu. Sempliċi att ta' tolleranza ma jagħtix dritt ta' servitù.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoin li bih l-atturi talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż illi l-liċenza li għandu l-konvenut mill-Pulizija ta' "Tea and Coffee Shop" u ta' "eating house" fil-ħanut numru 2 Canon Bonnici Street, il-Ħamrun, tappartjeni lill-kontendenti kollha bħala werrieta ta' missierhom Carmelo Grech, u ċjoè kwantu għal żewġ settimi lill-attur John Grech bħala wieħed mill-werrieta u bħala ċessjonarju ta' oħtu Lina mart Gaetano Spiteri, u kwantu għall-bqija settimu ndiviż kull wieħed lill-kontendenti l-oħra kompriż il-konvenut; u l-konvenut jiġi kundannat li jżomm miftuħ, taħt il-pieni, jekk ikun hemm bżonn, dovuti għal disprezz tal-Qorti, il-bieb li hemm komuni bejn il-btieħi tal-fond numru 8 Adelaide Cini Street u numru 2 Canon Bonnici Street, il-Ħamrun, u dana peress li ż-żewġ fondi huma komuni bejn il-kontenden-

ti, u l-bieb kien dejjem miftuħ u l-kontendenti kienu jużaw il-bitħa tal-fond 2 Canon Bonnici Street, sakemm il-konvenut qabad u għalqu illeġittimament. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru 1950, kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Kwantu għad-domanda dwar il-liċenza;

In oriġine, din il-liċenza kienet tappartjeni lill-awtur tal-kontendenti, Carmelo Grech, li miet fid-9 ta' Ġunju 1936. Hu fatt li wara l-mewt ta' Carmelo Grech il-liċenza ġiet trasferita mill-Pulizija fuq isem il-konvenut, verosimilment bil-kunsens ta' l-interessati l-oħra (ara xhieda Suprintendent Borg fol. 21 u Surġent Cassar fol. 22);

Issa, il-pont li l-Qorti għandha teżamina, bħala pont ta' fatt, hu, mhux dak jekk din il-liċenza ġietx trasferita mill-interessati l-oħra lill-konvenut (għaliex dawn il-liċenzi huma "extra commercium"—ara sent. App. "Xuereb vs. Axiak", 6 ta' April 1946), imma jekk, meta huma ma opponewx quddiem il-Pulizija li l-liċenza tiġi mdawra favur il-konvenut, għamlux hekk bl-intendiment li l-liċenza ssir definitivament tal-konvenut, jew inkella biss biex, għall-finijiet tar-regolamenti tal-Pulizija, ikun hemm titolari tal-liċenza fl-interess komuni;

Din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma kienx hemm din l-intenzjoni li l-liċenza ssir definitivament proprjetà tal-konvenut; għal dawn ir-raġunijiet;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li dik il-liċenza għadha in komune bejn l-eredi ta' Carmelo Grech;

Kwantu għall-istanza l-oħra dwar il-bieb bejn il-btieħi;

Iż-żewġ fondi limitrofi huma ta' proprjetà komuni, u kwindi ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' kostituzzjoni ta' servitù, apparti li s-servitù ta' passaġġ, bħala servitù diskontinwa, teħtieġ il-kostituzzjoni b'titolu (art. 492 u 506 Kap. 23 Ediz. Riv.), li f'dan il-każ ma hemmx. Hu ċar li dan kien sempliċi att ta' tolleranza, u mhux "jure servtutis". Kif esprima ruħu l-Imħallef Dr. Cremona fis-sentenza "Agius vs. Gauci", 10 ta' Jannar 1923, Prim'Awla, a propożitu ta' dan il-"jus intineris", "........... chi ha tollerato il transito nel

suo fondo può farlo cessare quando vuole, chiudendo l'accesso............" -Dan hu prinċipju li ġej minn żmenijiet antiki, kif jidher mill-massima tal-ġurekonsult Paolo "Qui jure familiaritatis amici fundum ingreditur non videtur possidere, licet corpore in fundo sit";

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi, prevju l-istilz tad-dokumenti fol. 24 u 25;

Kwantu għall-ewwel domanda, billi tiddikjara li l-liċenza "de quo" hija komuni bejn il-werrieta kollha ta' Carmelo Grech; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Kwantu għat-tieni domanda, billi tiċħadha; bl-ispejjeż kontra l-atturi, salv il-kap ta' l-ispejjeż kif ġie provvdut bid-deċiżjoni fol. 30.